**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 24 ta' Ottubru, 2017

Rikors Guramentat : 127/16 AL

**A B (ID: 229472M))**
**vs**
**L-Avukat Simon Micallef Stafrace u l- Prokuratur Legali C D sabiex jirraprezentaw lill-assenti E T L**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ipprezentat mill-attrici, li permezz tieghu ppremettiet :

1. Illi Illi l-esponenti u E T L ghandhom tifla minuri I L B ta' 8 snin ;

2. Illi fl-2013, l-intimat abbanduna l-obbligi tieghu ta' Missier meta telaq minn Malta;

3. Illi permezz ta' digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti (Sezzjoni Familja) fuq talba tal-istess esponenti, l-esponenti fost l-ohrajn giet fdata lilha l-kura u l-kustodja

tal-minuri I, l-Onorabbli Qorti (Sezzjoni Familja) iffissat manteniment ghall-bzonnijiet tal-minuri I fl-ammont ta' Eur 300 kull xahar, ordnat li l-manteniment li l-istess Qorti ghogobha tipprefiggi, ghandu jizdied kull sena skont l-indici tal-gholi tal-hajja;

4. Illi ma hemmx lok ghal ftehim bonarju u l-esponenti giet debitament awtorizzata biex tipprocedi b'din il-kawza;

5. Illi ghalhekk qed issir din il-kawza;

6. Il-fatti hawn dikjarati tafhom ir-rikorrenti personalment;

Talbet in vista tal-premessi li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri I f'idejn il-komparenti omm;
2. Tiffissa manteniment ghall-bzonnijiet tal-minuri I. Fil-prezent il-manteniment huwa fl-ammont ta' Eur 300 kull xahar;
3. Tordna li l-manteniment li l-istess Qorti joghgobha tipprefiggi, ghandu jizdied kull sena skont l-indici tal-gholi tal-hajja;
4. Tordna li l-intimat ihallas ghal nofs l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni ta' bintu minuri;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-proceduri kollha inkorsi quddiem din il-Qorti waqt il-medjazzjoni  kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati, li permezz taghha eccepew :   (fol 15)

Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u ghalhekk qeghdin jirriservaw d-dritt li jipprezentaw risposta motivata f'kaz u jekk jigu edotti  mill-fatti;

Salv risposta ulterjuri;

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati;

Rat l-atti tal-medjazzjoni li ġew allegati mal-proċess odjern u jifformaw parti integrali minnu;

Rat illi permezz ta' digriet tal-1 t' April 2016[1], din il-Qorti laqgħet it-talba tar-rikorrenti li tkun fdata provviżorjament bil-kura u l-kustodja tal-minuri I u wkoll illi l-intimat iħallas is-somma ta' tliet mitt Ewro (€300) fix-xahar, bħala manteniment għall-minuri li jkopri wkoll l-ispejjeż tas-saħħa u tal-edukazzjoni tagħha, u liema manteniment jiżdied kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja.

Rat in-nota ġuramentata[2] tar-rikorrenti illi fiha ppreżentat prospett tal-ispejjeż kollha li hija tagħmel għall-minuri, liema spejjeż ilaħħqu oltre d-disat' elef Ewro (€9000) fis-sena jew seba' mija u ħamsin Ewro (€750) fix-xahar.

Rat ukoll in-nota ġuramentata tar-rikorrenti ddatata it-2 ta' Marzu 2016[3] illi permezz tagħha ddikjarat illi hija ma taħdimx u tirċievi għajnuna soċjali u *children's allowance* li flimkien jammontaw għal ċirka ħames mija u tletin Ewro (€530) kull erba' ġimgħat.

Rat illi l-kawża ġiet differita għas-seduta odjerna għas-sentenza;

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET**

[1] Fol. 28 tal-atti tal-medjazzjoni

[2] Fol. 23 tal-atti tal-medjazzjoni

[3] Fol. 25 tal-atti tal-medjazzjoni

Illi l-Qorti għandha quddiemha kawża bejn il-ġenituri tal-minuri I L B, fejn qiegħda tintalab tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri binthom lir-rikorrenti. L-intimat huwa assenti minn Malta, u għalhekk qed jiġi debitament rappreżentat f'dawn il-proċeduri, mill-Kuraturi maħtura għal dan l-iskop[4].

Fl-ewwel lok, il-Qorti tirrileva, partikolarment għall-iskop tal-ġurisdizzjoni tagħha, illi jirriżultalha li l-minuri I tgħix u qiegħda hawn Malta flimkien ma' ommha r-rikorrenti. Hija tattendi skola hawn Malta u tinsab domiċiljata Malta.

Il-fatti tal-kawża, fil-qosor huma s-segwenti[5]:

(1) Il-minuri I L B twieldet fit-28 ta' Diċembru 2007[6]. Hija bint l-attriċi u rikonoxxuta bħala l-wild ta' E T L, il-konvenut assenti, imwieled ġewwa Middlesbrough l-Ingilterra. Illi l-minuri fil-preżent waslet biex tagħlaq għaxar (10) snin;

(2) Il-partijiet iltaqgħu ċirka għaxar snin u nofs ilu u bdew joħorġu flimkien; Ftit tax-xhur wara, l-attriċi kienet tqila u ż-żewġ partijiet kienu kuntenti dwar dan;

(3) Matul ir-relazzjoni kollha tal-partijiet, il-kwistjoni tal-alkoħol (birra) illi kien jikkonsma l-konvenut dejjem kienet viġenti u għalkemm ġieli waqaf jixrob għal ftit taż-żmien, dejjem kien jirrikadi.

(4) Illi fl-2013, l-intimat E T L telaq minn Malta bl-iskuża li kellu xi problemi familjari fl-Ingilterra. L-attriċi bdiet tipprova tikkuntattjah iżda dan kien għalxejn.

(5) Kien wara numru ta' xhur li reġgħet għamlet kuntatt miegħu fejn kienu ftehmu li jirregolaw ruħhom dwar il-kura

---

[4] Digriet ta' din il-Qorti ddatat l-1 t'Ottubru 2015, fol. 11 fl-atti tal-medjazzjoni.

[5] Dawna jirriżultaw mill-affidavit tal-attriċi fol. 19 tal-proċess u minn dokumenti oħra esebiti.

[6] Ċertifikat relattiv tat-twelid jinsab esebit fol. 7 tal-proċess u fol. 2 tal-atti tal-medjazzjoni

u l-kustodja ta' l, partikolarment in vista tal-fatt li l-missier ma kienx għadu jgħix hawn Malta;

(6) Illi minkejja dan, meta l-intimat ġie Malta fil-Milied tal-2014, m'għamel xejn minn dan;

(7) Preżentement huma jżommu kuntatt elettroniku permezz tal-programm "Viber";

(8) Minn żmien għal żmien, l-intimat jibgħat flus għall-minuri tramite ommu illi tgħix hawn Malta;

PRINĊIPJI LEGALI

Illi huwa ritenut fil-ġurisprudenza tagħna li, f'kawżi bħal din, il-Qorti għandha tikkunsidra l-aqwa interess tal-minuri.

Fil-kawża Jennifer Portelli pro.et noe. vs. John Portelli[7] intqal: *"Jingħad illi l-kura tat-tfal komuni tal-miżżewġin, sew fil-liġi antika u sew fil-liġi viġenti, kif ukoll fil-ġurisprudenza estera u f'dik lokali hija regolata mill-prinċipju tal-aqwa utilita' u l-akbar vantaġġ għall-interess tal-istess tfal li ċ-ċirkustanzi tal-każ u l-koeffiċjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuġġerixxu. Illi in konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enunċjata għandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-miżżewġin, sew meta l-konjuġi jisseparaw ruħhom ġudizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment*;"

Illi fil-kawża fl-ismijiet Susan Ellen Lawless vs. Il Reverendo George Lawless[8], il-Qorti kienet qalet illi *"la cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitare col marito, deve essere commessa ed affidata a colui, fra i conjugi, che si riconoscera' piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla loro eta', ed a tutte le circostanze del caso –*

[7] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Ġunju 2003, Ċitazz Numru: 2668/1996/2RCP
[8] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-8 ta' Diċembru 1858;

*sotto quei provvedimenti, che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli".*

Illi ngħad ukoll fil-kawża fl-ismijiet John Cutajar vs. Amelia Cutajar et [9] u Maria Dolores sive Doris Scicluna vs. Anthony Scicluna[10] illi *"apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominanti 'in subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawża, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl-isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut..."*

Il-Qorti għaldaqstant għandha s-setgħa illi jekk ikun fl-aħjar interess tal-minuri, tafda wieħed biss mill-konjuġi bil-kura u l-kustodja tal-minuri u dana ai termini tal-Artikolu 56 tal-Kodiċi Ċivili[11].

APPLIKAZZJONI TAL-PRINĊIPJI LEGALI GĦALL-KAŻ ODJERN

Il-Qorti tifhem illi s-sitwazzjoni tal-kura u l-kustodja tal-minuri, kif inhi, u cioe kura u kustodja konġunta bejn iż-żewġ ġenituri, li huma domiċiljati f'żewġ pajjiżi differenti, tista' toħloq inkonvenjent kbir. Tista' wkoll taffetwa negattivament fuq il-ħajja tal-minuri bħalma ġieli ġara f'diversi każijiet oħra;

Fil-każ in eżami, jirriżulta illi l-intimat ma tantx wera nteress illi jżomm il-kuntatt ma' bintu u dana stante li huwa telaq lejn l-Ingilterra mingħajr ma' fittex illi jagħmel kuntatt magħha. Kienet l-attriċi li pprovat tfittxu u tagħmel kuntatt miegħu anke tramite oħtu; Huwa ma ttentax jirregola l-pożizzjoni tiegħu rigward il-kura u l-kustodja ta' bintu minkejja li l-attriċi wrietu x-xewqa li

---

[9] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Jannar 1956;

[10] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Novembru, 2003 (Ċitazzjoni Numru. 1715/2001/1RCP)

[11] Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

dan isir. Madankollu, huwa jibgħat, b'mod irregolari, xi flus għall-għixien ta' bintu;

Illi in vista ta' dan suespost, il-Qorti ma tarax għalfejn m'għandhiex takkorda il-kura u l-kustodja tal-minuri I L B esklussivament u unikament f'idejn l-attriċi. Hija wkoll tal-fehma illi tikkonferma b'mod definittiv id-digriet tagħha tal-1 t'April 2016 rigward il-manteniment pagabbli għall-minuri;

**DEĊIDE**

Għalhekk, għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet kollha tar-rikorrenti b'dana illi

1. tiddikjara li l-kura u l-kustodja tal-minuri I L B qed tiġi fdata unikament u esklussivament f'idejn ommha ir-rikorrenti A B, b'dana illi kwalsiasi deċiżjoni rigwardanti saħħa, edukazzjoni, reliġjon, trobbija, safar tal-minuri, inkluż ħruġ u/jew tiġdid tal-passaport tal-minuri u b'mod ġenerali kull deċiżjoni oħra rigwardanti l-minuri għandha tittieħed mir-rikorrenti weħidha mingħajr il-bżonn tal-awtorizazzjoni u/jew il-kunsens tal-intimat;

2. tordna lill-intimat E T L iħallas lir-rikorrenti A B is-somma ta' tliet mitt Ewro (€300) fix-xahar, rappreżentanti manteniment għall-minuri I, li jinkludi l-ispejjeż tas-saħħa, tal-edukazzjoni u tal-attivitajiet extra-kurrikulari tal-minuri. Dan il-manteniment jiżdied kull sentejn skond l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u jista' jitnaqqas direttament minn kwalsiasi paga, introjtu jew benefiċċju soċjali li jista' jipperċepixxi l-konvenut assenti. Dan il-manteniment jibqa' jitħallas sakemm il-minuri tagħlaq l-eta` ta' tmintax (18)-il sena jew tibda taħdem fuq bażi *full-time*, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. F'każ illi bint il-partijiet tibqa' tistudja, fuq bażi *full-time*, wara li tilħaq l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas

sakemm it-tifla tagħlaq l-eta` ta’ tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm ittemm l-istudji tagħha, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluż *children’s allowance* għandu jkun perċepibbli mill-attriċi.

Bl-ispejjeż jiġu sopportati mill-intimat E T L, b’dan illi l-attriċi għandha provviżorjament tħallas id-drittijiet tal-Kuraturi Deputati.